MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1061/2005

**Francesco sive Francis Xuereb (ID 246161M)**

**vs**

**Renald Naudi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM 63.25) rapprezentanti hsarat li saru fuq vettura tal-marka Subaru E10 proprjeta' tal-esponenti.

Bl-Ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll ittra bonarja tal-21 ta' Dicembru, 2004 u ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar, 2005 u Mandat ta' Sekwestru 948/05.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut illi fl-ewwel lok, it-talba attrici hija nulla in kwantu hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mill-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu jindika d-data tal-allegat incident u jipprezenta prospett dettaljat tad-danni allegatament sofferti minnu.

Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-konvenut ma kkawza l-ebda danni lill-attur;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Salve ecccezzjonijiet ulterjuri.

Ra  l-Atti kollha tal-kawza u d-dokumenti  ezebiti.

Ra x-xhieda  ta’ Francesco sive Franco Xuereb u Renald Naudi.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsarat f’vettura tal-marka Subaru E10 numru ta’ registrazzjoni AAR-778 appartenti lill-attur, li allegatament saru volontarjament mill-konvenut fi Triq Swatar, Msida.

Din il-hsara iggarbet fuq in-naha leminija tal-bieba tal-karozza liema hsarat jammontaw ghal tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM63.25).

Dawn il-hsarat subiti mill-attur gew michuda mill-konvenut li sostna lli hu kien hebb ghall-attur izda qatt ma misslu l-karozza.

Illi din il-kwistjoni tirrigwarda tilwima bejn girien li fis-sahna tal-mument spiccat billi l-konvenut hebb ghalih.  Jidher mill-Atti lli ttiehdu proceduri separati fil-Qorti Kriminali kontra l-konvenut u li gie liberat minn parti mill-akkuzi  fejn

jikkoncernaw il-hsarat fil-vettura izda li mhux li hebb ghalih il-konvenut.

Illi mix-xhieda ezistenti f'dan il-proess jidher illi hemm verzjonijiet konfliggenti u ghalhekk it-Tribunal ghandu joqghod fuq ix-xhieda dokumentali fl-Atti tal-kawza sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa.

It-Tribunal, ra lli 'a tempo vergine' l-attur kien iddikjara lill-Pulizija lli l-konvenut kien mhux biss hebb ghalih izda ghamillu hsarat  fil-vettura tal-marka Subaru E10 propjeta' tal-attur.  L-attur baqa' jsostni l-verzjoni tieghu.

Il-konvenut minn naha l-ohra ddikjara lli l-vettura tal-marka Subaru E10 ma kienx kkawzala hsarat, izda ammetta lli fis-sahna tal-mument hu pprova jaqla' l-bieb ta' barra tal-blokk appartamenti fejn jabitaw il-partijiet u dak il-hin l-attur telaq jigri lejn il-karozza tieghu.

It-Tribunal, huwa moralment konvint illi dak kollu li gara fit-18 ta' Settembru, 2003 fi Triq Swatar, Msida bejn il-partijiet huwa kawza ta' sahna tal-mument li nsab fih l-konvenut Naudi.  Illi fis-sahna tal-mument jigru hafna affarijiet li forsi l-konvenut ma xtaqx li jsiru jew li ma baqghax jiftakar li saru.  Izda t-Tribunal huwa konvint illi l-hsarat fil-vettura tal-marka Subaru E10 propjeta' tal-attur, saru dak il-hin mill-konvenut Naudi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi lli jilqa' t-talbiet attrici fil-waqt jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta' tlieta u sittin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM 63.25) lill-attur.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar, 2005 u l-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------